# Restawr ta' fjurett antik tal-ganutell



**Is-Sinjura Gloria Anne Lia**

Madwar sitt fjuriet perfetti (dawk fuq ix-xellug) ġo bukkett jew fjurett tal-ganutell ta' stil antik ħafna kollu mġemmed u ħajt maħruq bit-taqtir tax-xemgħa u ż-żmien, ispirani nitlob permess lill-kappillan ta' Marsaxlokk ta' dak iż-żmien, Rev. Dun VicGeorge Vassallo, biex noffri li b'mod volontarju nnaddaf u nirrestawra dan il-fjurett li kien jintqiegħed f'niċċa kantuniera hekk kif tidħol għall-*crying room*. Jien kont ilni naħdem il-fjuri tal-ganutell madwar għaxar snin u mort korsijiet għand diversi għalliema, kollha bravi u bl-istil tagħhom.

**X' għandu speċjali dan il-Fjurett?**

Dan il-fjurett għandu madwar 150 sena. Il-pom poms sofor tax-xinilja mgħaqqda f'bukkett (parti t'isfel tal-fjurett) huma identiċi bħal dawk tar-relikwarju fuq l-artal tal-kor tal-knisja tal-Madonna tal-Mirakli. Il-fjuri tal-lewlu bi tliet skali ta' blu u abjad (fuq il-lemin) huma rari u simili ta' fjuri fil-fjuretti ta' fuq l-artal tal-kurċifiss tal-knisja Parrokjali ta' Ħal Lija. Dan il-lewlu hu irqiq ħafna daqs ir-ramel u domt ħafna biex sibt nixtri bħalu biex nirrestwra li waqa'. Lewlu roża, abjad u skali ta' blu jintuża wkoll fil-Bażilika ta' Sant'Elena Birkirkara. Dan ix-xogħol kien ikkummissjonat minn benefatturi u probabbli nħadem mis-sorijiet ta' Sant'Ursola.[1] Fil-bidu tad-1900 il-fjurett ta' Marsaxlokk kien diġà jeżisti bħala parti minn sett ta' erba' fjuretti li jintramaw fuq l-artal maġġur tal-knisja. Dan jippruvah ritratt antik fis-sagristija u li fl-isfond hemm il-koppla minn ġewwa għada fuq il-fil u nieqsa minn kull lavur dekorattiv. Qabel kellu gastra jew vażun tal-albastru li għadhom jintużaw bħala sett s'issa għall-festi.

**Nikkonservaw is-sbuħija oriġinali**

Fjuri fuq il-lemin – fjuri kbar tal-molla 'id-dalji'. Dawn il-fjuri ġew imnaddfa biss. Għandhom madwar 30 petala ta' kuluri ikanġu u vivaċi ħafna, minħabba nuqqas ta' dawl fil-knejjes dak iż-żmien. Dawn diffiċli tikkupjahom għax il-molla li tintuża hija maħduma wkoll bl-idejn fuq xi msella u s-satin użat huwa lixx mingħajr brim. Fl-antik il-molla kienet tissejjaħ *cannitiglia* mit-Taljan, li minn hemm ġej l-isem Ganutell. Dan iż-żmien jintuża il-*beading wire*, mixtri lest, fejn il-ħajt jiġi spazjat u ma tistax iċċekken il-petala kemm trid. Il-pensieri, waħda biss kellu jsirilha ħajt ġdid. Dawn huma probabbli prova oħra li l-fjurett kien maħdum mis-sorijiet Ursolini. Fjura kbira tax-xinilja tixbaħ il-Fjura tal-Passjoni għandha petali b'żewġ ringieli ta' xinilja bil-kulur jinbidel seba' darbiet. Weraq delikati, fejn ġo werqa waħda tal-molla hemm aħdar ċar u skur mal-fjura l-bajda. Fjuri tal-metal maħdumin bil-0.1mm mibrum kollox fin, irqaq minn dak li jinħadem issa. Il-fossa tan-nofs hi wkoll partikolari; ċatta b'kuruna tal-karti lewn id-deheb.

**Irrestawrajt dak li kien se jintilef**

Fuq il-lemin hemm eżempju ta' madwar tmien fjuriet differenti li ġew irrestawrati. L-anima (iz-zokk tan-nofs) tal-fjurett bdiltha għaliex kellha ħolqa fuq u xi ganċ li kien jintuża' meta jiddendel u jintrefa' l-fjurett. Dan kien taqqab xi petali kbar sofor taż-żewġ fjuriet ta' fuq. Il-*fuschia* ħamra kellha ħafna *wire* vojt għax mas-satin tqatta', iżda imqar petala waħda tajba biss, setgħet turini l-kulur originali biex tinħadem il-fjura. Il-fjuri l-blu tal-lewlu kellhom ħafna nieqes iżda issa, kapolavur. Il-fjuri blu tal-molla, u dawk vjola ċar u ftit oħrajn iżgħar kellhom jinbidlilhom il-ħajt. Dik t'isfel għandha petali triangulari u b'żewġ kuluri u taħtha hemm kif kienet qabel ir-restawr. Il-fjura tal-metall tal-lemin inbidlilha ix-xinilja. Żidt biss ħafna weraq ħodor ċari tal-molla għal bejn il-fjuri u ammont kbir ta' weraq ħodor skuri tal-ħajt tax-xinilja biex ngħalaq id-dawl minn wara.

Sabiħ napprezzaw dan ix-xogħol artistiku speċjali tagħna l-Maltin. L-istudjuż Malti Gwido Lanfranco sab dokumentat li fis-1678 diġà kienu jeżistu fjuretti fil-knejjes u jisselfu għall-festa titulari. Għal aktar rittratti dettaljati tistgħu tidħlu fuq ganutellflowers.blogspot.com.

**Referenzi**

[1] Maria Kerr 'Il-Ganutell' Numru 80 Kullana Kulturali tal-PIN (pp. 196, 197 u oħrajn).